**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 18 ta' Ottubru, 2018**

**Rikors Guramentat Nru: 485/2007 AF**

**Melanie Cremona**

**vs**

**Christian Vassallo**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi Melanie Cremona, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-esponenti u l-intimat kienu ilhom johorgu flimkien ghal erba [4] snin u kienu gharajjes.

L-gherusija taghhom kienet b'intenzjonijiet serjin lejn zwieg.

L-gherusija ta' bejniethom spiccat ghal tortijiet imputabbli lill-intimat.

Bhala konsegwenza ta' dan ir-rezilment ingust, l-esponenti sofriet danni kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Inoltre matul l-gherusija taghhom, il-partijiet bdew jiggestixxu flimkien negozju bi shab u fethu hanut taht l-isem ta' "D Store", numru mitejn u erbatax/mitejn u hmistax [214/215], Anglu Gatt Street, Mosta, u hadu flimkien anki facilitajiet bankarji minghand bank kummercjali.

L-esponenti kellha minn wara r-reziliment tal-gherusija titlaq minn negozju anki minhabba abbuz kontinwu inkluz vjolenza fizika mill-intimat fuqha.

L-esponenti interpellat inutilment lill-intimat sabiex jaddivjeni ghall-likwidazzjoni bonarja ta' danni li sofriet u ghall-hlas ta' sehemha minn negozju.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara l-intimat responsabbli ghar-reziliment ingust tal-gherusija ta' bejn il-partijiet;

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-esponenti bhala konsegwenza ta' dan ir-resiliment ingust da parti tal-intimat;

3. Tikkundanna l-intimat ihallas lill-esponenti l-ammont ta' danni hekk likwidati;

4. Tiddikjara li l-partijiet kienu jiggestixxu flimkien negozju bl-isem "D Store", 214/215, Anglu Gatt Street, Mosta;

5. Tillikwida s-sehem tal-esponenti minn dan l-istess negozju;

6. Tikkundanna l-intimat ihallas lill-esponenti sehemha hekk likwidat.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tat-28 ta' Marzu 2007, tal-Mandat ta' Qbid numru 575/2007 u tal-Mandat ta' Sekwestru numru 576/2007 u bl-imghaxijiet mid-data tal-recezjoni ta' dan ir-Rikors Guramentat kontra l-intimat minn issa ngunt sabiex jidher personalment ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Christian Vassallo, li permezz tagħha eċċepixxa illi:

It-talbiet attrici ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-attrici, ghaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Specifikatament a rigward l-ewwel tlett talbiet tal-attrici, qieghed jigi eccepit li mhux minnu li kienet tezisti gherusija bejn il-partijiet *b'intenzjonijiet serjin lejn iz-zwieg*; konsegwentement u f'kull kaz il-konvenut ma jistax jinstab responsabbli ghal reziliment ingust, kif pretiz mill-attrici; inoltre il-konvenut ma jistax jigi ritenut responsabbli ghal xi danni li l-attrici tippretendi li setghet sofriet.

A rigward ir-raba', l-hames u s-sitt talba tal-attrici jinghad li mhux minnu li l-kontendenti kienu jiggestixxu flimkien in-negozju maghruf bl-isem "D Store", liema negozju invece jappartjeni esklussivament lill-konvenut.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma quddiem l-assistent ġudizzjarju.

Rat illi fl-udjenza tal-24 ta' Frar 2015 din il-Qorti hatret lill-Avukat Dottor Renald Micallef bħala perit komputista.

Rat ir-relazzjoni tal-perit komputista.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din hija kawża dwar reżiliment ta' għerusija u likwidazzjoni ta' negozju. Permezz ta' din il-kawża, l-attriċi qegħda titlob lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas danni

konsegwenza tar-reżiliment inġust tal-għerusija ġjà eżistenti bejn il-partijiet kif ukoll għall-likwidazzjoni u ħlas ta' sehem min-negozju li kienu jiġġestixxu flimkien il-partijiet. Da parti tiegħu, il-konvenut jeċċepixxi li bejn il-partijiet la kien hemm għerusija u lanqas negozju bi sħab.

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-partijiet bdew relazzjoni lejn l-aħħar tas-sena 2003. L-attriċi tispjega li madanakollu, huma ħassru ftit tax-xhur wara għaliex il-konvenut kien jidher li ma kienx jaf xi jrid. Skont l-attriċi, il-konvenut kellu ripensament wara li raha ma' raġel ieħor u għaldaqstant, reġgħu bdew bir-relazzjoni fis-sajf tal-2004. Jidher illi r-relazzjoni bejn il-partijiet kienet waħda turbolenti minħabba li l-konvenut kien jirrabja malajr u konsegwenza ta' hekk isir vjolenti. Fil-fatt, l-attriċi ssemmi diversi inċidenti fejn il-konvenut kien vjolenti kemm magħha kif ukoll ma' ħaddieħor u l-konvenut fl-ebda waqt ma ċaħad li seħħew dawn l-inċidenti.

L-attriċi tispjega li fil-bidu tar-relazzjoni tagħhom, il-familja tal-konvenut ma kellhomx pjaċir biha imma eventwalment aċċettawha. Fil-fatt, kien hemm okkażjonijiet fejn il-familja tagħha kienu mistiedna għand dik tal-konvenut u l-attriċi kienet anke siefret mal-familja tal-konvenut. Saħansitra omm il-konvenut kienet ippermettiet illi ħu l-attriċi jorganizza riċeviment fl-okkażjoni tal-Ewwel Tqarbina ta' bintu d-dar tagħha stess.

L-attriċi tkompli billi tispjega li meta hija mardet bl-appendiċite l-konvenut kien ħa ħsiebha u dar biha sakemm irkuprat. F'Marzu tal-2006 il-konvenut kien organizzalha *surprise party* fejn stieden lill-familjari tagħhom u dakinhar kien anke taha ċurkett. Skont l-attriċi, dakinhar meta kienu weħidhom il-konvenut kien qalilha li ċ-ċurkett kien jissimbolizza l-għerusija ta' bejniethom.

L-attriċi tikkontendi li l-partijiet sikwit kienu jiddiskutu l-futur tagħhom flimkien. Tgħid illi ġieli anke ddiskutew it-tieġ u l-konvenut kien jgħidilha li xtaq li jiżżewweġ f'April. Il-konvenut kien jitkellem ukoll dwar id-dar li xtaq li jibni għalihom fuq biċċa art li kellu u kien anke jgħidilha biex tieqaf mit-tipjip biex

tibża għal saħħitha u għas-saħħa tal-ulied li kien ser ikollhom flimkien.

Fost id-diskussjonijiet li kien ikollhom dwar il-futur tagħhom flimkien, il-partijiet kienu jitkellmu dwar negozju li xtaqu li jkollhom bejniethom. Dawn il-pjanijiet immaterjalizzaw meta lejn l-aħħar tas-sena 2006 huma fetħu ħanut tal-ħwejjeġ il-Mosta. Dan il-ħanut kien mikri mill-konvenut mingħand missieru u l-kera kien iħallasha l-konvenut.

Sabiex għamlet dan il-pass, l-attriċi tispjega li kellha titlaq mill-impjieg tajjeb li kellha mal-Vodafone sabiex tiddedika l-ħin tagħha *full time* għal dan in-negozju. L-attriċi tgħid illi mal-Vodafone kellha paga li tlaħħaq mal-Lm15,000 fis-sena.

L-attriċi tispjega li ħafna mir-riċerka u kuntatti sabiex bdew dan in-negozju kienet għamlithom hi peress li l-konvenut kien impenjat bil-kumpanija tiegħu. Minkejja l-karattru volatili tal-konvenut il-partijiet komplew bir-relazzjoni tagħhom kif ukoll bin-negozju. Sabiex jinvestu fin-negozju, il-partijiet isselfu mill-bank. Skont is-*sanction letter* esibita huma ngħataw faċilità ta' self fl-ammont ta' Lm4,000, illum €9,317.49 u faċilità ta' *overdraft* fl-ammont ta' Lm40,000, illum €93,174.94. Skont l-attriċi, mal-bank kienu ppreżentaw ruħhom bħala *business partners*.

L-attriċi tispjega li l-konvenut ma riedx li jinkorporaw kumpanija u baqa' jittrateni sabiex jiffirma l-*partnership agreement*. Fil-fatt, din l-iskrittura qatt ma ġiet iffirmata. L-attriċi temmet l-impieg taghha ma' Vodafone f'Ottubru tal-2006 u minn dakinhar bdiet tiddedika ħinha *full time* għan-negozju. Hija tgħid illi bejniethom il-partijiet kienu ftehmu li għandha titħallas Lm750 fix-xahar bħala kumpens għal ħin tagħha kif ukoll illi l-qliegħ mill-ħanut jinqasam nofs bin-nofs bejniethom. Il-ħanut fetaħ fl-14 ta' Novembru 2006 u l-attriċi tgħid illi minkejja li l-konvenut kien wegħdha li ser jgħinha, ma tantx kien jersaq lil hemm għaliex kien ikun impenjat b'xogħlu u bir-rugby u filgħaxija kien imur jixrob ma' sħabu.

Il-partijiet komplew bir-relazzjoni ta' bejniethom sa Jannar tal-2007 meta l-attriċi saret taf illi l-konvenut kellu relazzjoni ma mara oħra, ċertu Emily Farrugia, li llum il-ġurnata hija martu.

Jidher illi minkejja li ntemmet ir-relazzjoni ta' bejniethom, l-attriċi baqgħet tieħu ħsieb il-ħanut sal-21 ta' Marzu 2007. Dakinhar, l-attriċi tgħid illi meta l-konvenut mar sabiex jiġbor il-flus kif kien jagħmel kuljum, hija ma ħallitux u l-konvenut aggrediha. Wara dakinhar ma marritx aktar il-ħanut imma tgħid illi ftit tal-jiem wara daħlet Emily Farrugia bid-ditta tagħha. L-attriċi tikkontendi li wara li kellha titlaq mill-ħanut, hija damet tmien xhur tfittex xogħol ieħor sakemm fl-aħħar sabet xogħol barra minn Malta.

Il-Qorti hija moralment konvinta mill-verżjoni tal-attriċi dwar il-mod kif kien iġib ruħu l-konvenut u ċioè li kif kien jirrabja malajr u kif dan kien iwassal għall-episodji vjolenti. Il-Qorti ftit li xejn għandha dubju li l-attriċi spiċċat kostretta titlaq mill-ħanut minħabba l-aġir tal-konvenut.

Dwar il-kontijiet tal-bank, jirriżulta li wara li l-attriċi nfurmat lill-bank b'dak kollu li kien ġara, il-konvenut dawwar il-kontijiet kollha fuq ismu. Peress illi l-linja tat-*telephone* baqgħet fuq isem l-attriċi u l-konvenut ma kienx qed iħallas, is-soċjetà GO plc fetħet kawża kontriha, liema kawża l-attriċi ma kkontestatx għaliex tgħid illi ma kienitx tinsab Malta. Konsegwentement, permezz ta' deċiżjoni datata 25 ta' Marzu 2010, hija ġiet kundannata mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar biex tħallas lill-imsemmija soċjetà s-somma ta' €455.65, bl-imgħax legali dekorribli mis-26 ta' Jannar 2007 kif ukoll ġiet ikkundannata tħallas l-ispejjeż tal-proċeduri. L-attriċi tgħid illi għadha ma ħallset xejn minn dan kollu.

L-attriċi tikkontendi li l-partijiet kienu għarajjes, xi ħaġa li l-konvenut jiċħad. Għalhekk, dak li jrid jigi stabbilit fl-ewwel lok huwa jekk bejn il-partijiet kienitx teżisti għerusija fis-sens tal-liġi.

Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Bernarda Caruana vs Giuseppe Borg tat-13 ta' Mejju, 1952, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qalet hekk:

*"Biex ikun hemm gherusija mhux mehtieg li kien hemm kuntratt formali ta' gherusija, lanqas li kien gie moghti c-curkett. Kif lanqas ma huwa mehtieg li jkun hemm stipulazzjoni taz-zmien ghac-celebrazzjoni taz-zwieg, jew il-kunsens tal-genituri. Li hu mehtieg hija l-kapacita' tal-partijiet li jikkuntrattaw l-gherusija, jigifieri l-istess kapacita' biex jikkuntrattaw iz-zwieg.*

*…*

*Mhux mehtiega l-istipulazzjoni taz-zmien, ghaliex l-gherusija tista' ssir, u ordinarjament issir, minghajr ebda prefissjoni ta' zmien ghaz-zwieg, u dan iz-zmien jigi stabbilit fil-kors tal-gherusija."*

Fil-każ ta' Marthese Zammit vs Ivan Zammit, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-6 ta' Mejju 2004, intqal hekk:

*"Huwa ikkontestat li bejn il-partijiet ma saretx kitba ta' gherusija u kwindi il-ligi dwar Weghdiet ta' Zwieg (Kap. 5) ma japplikax – artikolu 1233(1)(g) tal-Kodici Civili. In-nuqqas ta' kitba twassal ghall-konkluzzjoni biss li l-parti leza ma tistax titlob id-dannu taht dik il-ligi, pero', dak in-nuqqas ma jtellifx id-dritt ta' l-istess parti leza li titlob dannu taht il-principji generali ta' ksur ta' kuntratt: ara "<u>Farrugia vs Chircop</u>" Vol XXIV.1.945.*

*Dan premess irid, ovvjament jirrizulta li gherusija, b'forma ohra kien hemm. Cerimonja ta' gherusija bejn il-partijiet qatt ma saret, u allura jrid jigi ezaminat jekk ic-cirkostanzi kollha tar-relazzjoni jistghux jaghtu ndikazzjoni li, fil-fatt, tali relazzjoni ta' gherusija kienet tezisti.*

*Issa, fil-kawza "*Ghio vs Pace*", decisa minn din il-Qorti, fil-11 ta' Novembru, 1895, intqal li "La promessa di future nozze, in vista degli importanti effetti che ne emanano, dev' essere conchiudentemente provata, e non puo' desumersi da espressioni indeterminate o da fatti equivoci che non manifestano una rizoluzione grave e ponderata". Dan ma jfissirx, pero' li l-prova tal-gherusija tehtieg xi*

*dikjarazzjoni espressa f'dan is-sens, izda biss li jridu jikkonkorru cirkustanzi cari u inekwivoci li jindikaw il-hsieb tal-partijiet li jahsbu u jippreparaw ghaz-zwieg taghhom.*

*....*

*Kif qalet ukoll din il-Qorti fil-kawza "Baldacchino vs Savona", decisa fis-7 ta' Novembru, 1989, l-intenzjoni tal-partijiet ghandha tigi ezaminata fl-imgieba u l-ghemil taghhom fil-konfront ta' xulxin."*

Finalment, kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-każ ta' Jennifer Zahra vs Ian Bonello tas-26 ta' April 2013:

*"Illi jinsab assodat fil-gurisprudenza li, il-fatt li l-gherusija ma tkunx saret bil-miktub, ma jimmilitax kontra l-ezistenza taghha, izda jimpedixxi biss lill-parti li tressaq azzjoni ghad-danni morali, minhabba l-ingurja subita, taht il-Kapitolu 5. F'tali kaz, il-parti leza ghandha azzjoni ghad-danni fit-termini tal-artikoli fuq citati, izda biex tirnexxi din l- azzjoni jehtieg li jikkonkorru s-segwenti elementi [a] l-ezistenza ta' gherusija bejn il-partijiet, [b] il-kapacita` legali taghhom sabiex jikkuntrattaw tali gherusija, [2] ir-resiliment ingust da parti tal-konvenut, [3] danni materjali konsegwenti ghar-resiliment.*

*Ghalhekk biex ikun hemm gherusija skont il-ligi mhux mehtieg li jkun hemm kuntratt formali tal-gherusija, jew li jkun gie moghti c-curkett jew li jkun hemm l- istipulazzjoni taz-zmien tac-celebrazzjoni taz-zwieg, jew il-konjizzjoni jew il-kunsens tal-genituri."*

Applikati dawn il-prinċipji għall-kawża tal-lum, u wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, din il-Qorti tqis illi bejn il-partijiet kienet fil-fatt teżisti għerusija. Sabiex waslet għal din il-konklużjoni, il-Qorti qieset dak kollu li xehdet l-attriċi dwar dak li kien jgħidilha l-konvenut, u li l-istess konvenut ma ċaħad kważi xejn minnu, kif ukoll il-kliem li kitbilha fuq il-kartolina (a fol. 60 tal-proċess), speċifikament li hija kienet il-persuna li xtaq iqatta' ħajtu magħha. Għalkemm dan tal-aħħar waħdu

mhux ta' importanza kbira, flimkien maċ-ċirkostanzi kollha tal-każ jitfa' aktar dawl fuq it-tip ta' relazzjoni ta' bejn il-partijiet.

Minkejja li din il-Qorti mhijiex tqis iċ-ċurkett li l-konvenut taha lill-attriċi fl-okkażjoni ta' għeluq sninha bħala ċurkett tal-għerusija, mhuwiex konvinċenti li l-konvenut ma kellux intenzjonijiet serji. Il-Qorti lanqas ma tista' temmen li ma jiftakarx jekk dakinhar tas-*surprise party* huwa kienx għamel stqarrija ta' imħabba meta taha l-imsemmi ċurkett.

Wieħed isibha diffiċli jifhem kif, kieku kellu ħsibijiet u proġetti daqstant diversi minn dawn li dejjem urietu l-attriċi, l-konvenut dan ma kienx jurihom bil-fatti. Il-Qorti lanqas ma temmen il-verżjoni tal-konvenut li r-relazzjoni tiegħu mal-attriċi kienet waħda '*on and off*' u li beda relazzjoni ma' Emily Farrugia fiż-żmien illi ma kienx f'relazzjoni mal-attriċi.

Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti ssib illi l-attriċi għandha raġun tgħid illi l-konvenut kien responsabbli għar-reżiliment inġust tal-għerusija.

Stabbilit illi bejn il-partijiet kienet teżisti għerusija, u li din ġiet imħassra mill-konvenut inġustament il-Qorti terga' tirreferi ghas-sentenza, Marthese Zammit vs Ivan Zammit ċitata, fejn il-Qorti kompliet billi qalet hekk:

> "*Stabbilit li kienet tezisti gherusija bejn il-partijiet, irid issa jigu analizati l-konsegwenzi. Hu principju car u indiskuz li anki jekk tkun tezisti weghda formali ghaz-zwieg, dik il-weghda mhix enforzabbli fil-Qorti, u ebda Qorti ma tista' igieghel lil xi parti tersaq ghac-celebrazzjoni taz-zwieg – liberas esse debet matrimonium. Minn naha l-ohra, il-parti li thassar l-gherusija minghajr gusta kawza, mhix libera minn kull konsegwenza, u meta jigri hekk, dik il-parti skond il-gurisprudenza, trid thallas ghad-danni li sehhew b'rizultat ta' dak ir-reziliment ingust.*
>
> …
>
> *Kif qalet ukoll din il-Qorti fil-kawza "<u>Xuereb vs Abela</u>", decisa fl-20 ta' April, 1983, f'kazijiet bhal dawn, il-parti leza*

*ghandha dritt ghad-danni independentament milli dan id-dritt huwiex kuntrattwali, jew inkella hux derivanti minn delitt jew kwazi-delitt. F'kaz ta' reziliment ta' gherusija, kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Farrugia vs Curmi", decisa fil-5 ta' Ottubru, 1994, "ghandhom jigu kkunsidrati biss dawk id-danni li huma konsegwenzjali ghat-thassir tal-weghda taz-zwieg moghtija u li jiskaturixxu minn dan ir-riziliment.""*

In linea ta' danni, l-attriċi qegħda titlob is-segwenti:

- L-ekwivalenti ta' tmien xhur paga li kienet tippeċepixxi minn mal-Vodafone, fl-ammont ta' €18,077;

- L-ispejjeż tar-riċerki notarili sabiex saru l-kuntratti ta' self u *overdraft* mal-bank fl-ammont ta' €551.81;

- Is-sorte, imgħax u spejjeż tal-kawża fl-ismijiet GO plc vs Melanie Cremona fl-ammont komplessiv ta' €887.90;

- Rimunerazzjoni għax-xahar ta' Marzu 2007 fl-ammont ta' €17,47.03 u ċioè l-ekwivalenti ta' Lm750;

- Telf ta' profitt min negozju maħdum fuq perjodu ta' tlett snin fl-ammont ta' €33,696.72.

Il-Qorti, wara li ħasbet fit-tul dwar in-natura tad-danni li qegħda titlob l-attriċi, ma tistax taqbel mat-teżi tagħha li dawn huma konsegwenza diretta tar-reżiliment inġust tal-għerusija da parti tal-konvenut.

Fil-każ tal-lum, il-Qorti trid tagħmel distinzjoni bejn l-għerusija u n-negozju li kellhom flimkien il-partijiet. Minkejja li huwa minnu li l-partijiet kienu għarajjes, in-negozju li kellhom flimkien għandu jitqies li kien independenti mill-għerusija tant illi għal xi żmien wara li spiċċat l-għerusija, l-attriċi xorta waħda kompliet bin-negozju mal-konvenut. Il-Qorti tinnota li fir-rapport li għamlet lill-pulizija dakinhar tal-inċident tal-21 ta' Marzu 2007, l-attriċi stess iddiskriviet ir-relazzjoni ta' bejniethom bħala li kienu '*business partners*' u li kienu fil-proċess li jxolju dan in-negozju. L-attriċi ma rriżenjatx minn

ma’ Vodafone minħabba r-relazzjoni li kellha mal-konvenut imma minħabba n-negozju li kienet ser tiġġestixxi miegħu. L-istess japplika għall-ispejjeż sabiex saru l-kuntratti u l-linja tat-*telephone*.

Hekk ukoll, kwalunkwe danni konsistenti f’telf ta’ profitt li setgħet sofriet l-attriċi minħabba li telqet min negozju, anke jekk kienet kostretta titlaq minħabba l-aġir tal-konvenut li miegħu qabel kienet f’għerusija, ma jaqgħux taħt il-kappa tad-danni li hija tista’ titlob minħabba reżiliment inġust ta’ dik l-għerusija.

Ladarba l-attriċi ma ġabitx prova ta’ danni li sofriet konsegwenza diretta tar-reżiliment inġust tal-għerusija, din il-Qorti ma tistax ħlief tiċħad it-tieni u tielet talbiet tagħha.

L-attriċi qegħda imbagħad titlob ukoll is-sehem tagħha min negozju li kienu jiġġestixxu flimkien il-partijiet. Fil-mori tal-kawża hija spjegat li kienet qiegħda tippretendi li tiġi kompensata għat-telf ta’ profitt minn negozju maħdum fuq perjodu ta’ tlett snin fl-ammont ta’ €33,696.72.

Il-konvenut jeċċepixxi li n-negozju in kwistjoni kien jappartjeni lilu waħdu filwaqt illi l-attriċi kienet sempliċiment impjegata tiegħu. Madanakollu, din it-teżi tal-konvenut hija kontradetta mill-fatti mhux kontestati, fosthom:

i. Il-faċilitajiet ta’ self u *overdraft* ħaduhom flimkien;

ii. Kellhom *cheque book* intestat f’isimhom it-tnejn flimkien;

iii. Il-linja tat-*telephone* kienet f’isem l-attriċi;

iv. Il-*business cards* kienu jaqraw “Melanie and Chris”.

Fis-sottomissjonijiet tiegħu il-konvenut jissolleva l-argument li ladarba l-partijiet qatt ma ffirmaw l-iskrittura li ġiet abbozzata sabiex jirregolaw ir-relazzjoni kummerċjali ta’ bejniethom, ma kien hemm l-ebda negozju bi sħab a tenur tal-artikolu 114 tal-Kodiċi tal-Kummerċ li jiddisponi hekk:

*"Jekk il-partijiet ikunu ftehmu li l-ftehim bil-fomm ghandu jitnizzel bil-miktub, hu prezunt illi huma riedu jassoggettaw il-validita` tieghu ghat-tharis ta' dik il- formalita`"*

Madanakollu, kif spjegat din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza Meli Holdings Limited et vs Gloria Pont et tas-27 ta' Frar 2003:

*"Din izda hija biss presunzjoni juris tantum u ma tibqax tghodd meta l-imgieba tal-partijiet turi car illi huma jqisu illi l-ftehim sar u twettaq."*

Fil-kawża tal-lum, il-Qorti hija tal-fehma li mhux xieraq li jingħad li ma kienx hemm rabta kuntrattwali bejn il-partijiet għaliex il-fatti juru mod ieħor. B'għemilhom il-partijiet urew illi nonostante l-fatt li ma ġiex iffirmat il-*partnership agreement* abbozzat, il-ftehim xorta waħda kellu jkun illi l-qligħ jinqasam nofs bin-nofs wara li titnaqqas il-paga jew 'kumpens' ta' Lm750 li kellha tieħu l-attriċi kull xahar għall-ħin li kienet tiddedika għall-ħanut. Il-konvenut ma rnexxilux jikkonvinċi lill-Qorti li dan l-arranġament kellu jiskatta minn meta tiġi ffirmata l-imsemmija skrittura.

Sorvolata l-eċċezzjoni tal-konvenut, il-Qorti ħatret perit komputista fuq talba tal-attriċi sabiex jirrelata dwar it-talba tagħha għal-likwidazzjoni ta' sehemha minn dan in-negozju.

Il-perit komputista jispjega li la ġew preżentati xi *financial statements* u lanqas *trading and profit and loss account*. Huwa jkompli billi jgħid li minflok, l-attriċi preżentat stima ta' qligħ li ġiet maħduma billi mill-bejgħ attwali għall-perjodu bejn id-19 ta' Novembru 2006 u l-14 ta' Frar 2007 ġie proġettat bejgħ ta' sena. Il-perit komputista jkompli billi jispjega li l-attriċi ma spjegatx fuqhiex kienet qegħda tibbaża l-perċentwali ta' 60 fil-mija bħala l-*gross profit margin* u jekk dan kienx il-*gross profit margin* reali għal dak il-perjodu.

L-attriċi qegħda tippretendi li għandha titħallas nofs il-*gross profit margin* għax-xhur li għamlet bi sħab mal-konvenut, maħdum fuq bażi ta' tlett snin għaliex, dejjem skont l-attriċi, '*wieħed ma jidħolx għal negozju għal perjodu ta' ftit xhur biss.*'

Il-perit komputista jgħid illi fl-opinjoni tiegħu l-ammont mitlub huwa eċċessiv meta wieħed iqis li l-ħanut dam miftuħ madwar sbatax-il xahar biss. Il-perit komputista jikkonkludi wkoll illi t-talba ta' *lucrum cessans* konsistenti fit-telf ta' profitt mhijiex konsistenti mat-talba tal-attriċi għal-likwidazzjoni tas-sehem tagħha min-negozju li f'dan il-każ għandu jkun is-sehem tagħha mill-qligħ li sar biss fil-perjodu bejn l-14 ta' Novembru 2006 u l-21 ta' Marzu 2007, u ċioè fil-perjodu li hija kienet tiġġestixxi n-negozju flimkien mal-konvenut. Il-perit komputista wasal għall-konklużjoni li sehem l-attriċi mill-qligħ attwali tal-ħanut fl-imsemmi perjodu kien ta' €5,128.64.

Din il-Qorti taqbel perfettament mal-konklużjoni tal-perit komputista li kwalunkwe sehem dovut lill-attriċi għandu jkun limitat għal qligħ attwali li għamlu l-partijiet fiż-żmien illi kienu jiġġestixxu n-negozju bi sħab. Kif diġà ntqal aktar 'l fuq f'din id-deċiżjoni, it-talba tal-attriċi għall-ħlas ta' danni bbażata fuq il-qligħ proġettat fuq medda ta' tlett snin ma tistax tiġi kkunsidrata għaliex m'għandha x'taqsam xejn mar-reżiliment inġust tal-għerusija. Dan b'żieda mal-fatt illi l-attriċi ma ressqet l-ebda prova la dwar kemm dam miftuħ il-ħanut, u lanqas dwar xi qligħ seta' għamel il-konvenut wara li telqet.

Madanakollu, din il-Qorti tqis illi fir-realtà ma huwa dovut l-ebda ammont lill-attriċi tenut kont tal-fatt mhux kontestat illi wara li l-attriċi spiċċat min-negozju, il-konvenut assuma u ħallas id-dejn kollu li kellhom il-partijiet mal-bank li ċertament jissupera kwalunkwe qliegħ attwali li setgħu għamlu l-partijiet mill-ħanut fil-perjodu li damet hemm l-attriċi.

Il-Qorti tinnota wkoll li:

- Kienet l-attriċi stess illi xehdet li l-ewwel konsenja ta' ħwejjeġ li kienu ordnaw kienet tiswa mal-Lm20,000;

- L-attriċi ma tikkontestax li l-konvenut kien ħallas għas-safar kollu relatat man-negozju;

- Il-kera tal-ħanut kien iħallasha l-konvenut mill-qligħ li kienu jagħmlu mill-ħanut;

- Il-konvenut ħallas il-kontijiet ta’ dawl u ilma tal-ħanut.

Għaldaqstant, din il-Qorti qegħda tasal għall-konklużjoni li ma hemm l-ebda sehem min-negozju x’jiġi likwidat favur l-attriċi għaliex fil-perjodu in kwistjoni ma jistax jingħad li attwalment in-negozju għamel xi qligħ.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qegħda taqta’ u tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt illi tilqa’ l-ewwel u raba’ talbiet tal-attriċi, tiċħad ir-rimanenti talbiet għar-raġunijiet moghtija f’din is-sentenza.

In vista taċ-ċirkostanzi tal-kawża, l-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

IMHALLEF

DEP/REG